MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 507/2004

**Vincent Ellul**

**vs**

**William u Salvina konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Settembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef, disa' mija, tmienja u erbghin Liri Maltin, (LM3,948.00,0),

rapprezentanti diversi ammonti ta' flus lilhom mislufa "brevi manu";

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta' Lulju tas-sena 2004 u bl-imghax legali mill-prezentata ta' dan l-avviz sal-pagament effettiv;

3. Illi l-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Semghet lill-konvenuta Salvina Spiteri tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub mill-attur hu effettivament dovut mill-konvenuti u ghalhekk ammettiet it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lill-konvenuti William u Salvina konjugi Spiteri biex ihallsu l-ammont ta' tlett elef, disa' mija u tmienja erbghin Lira Maltin, (LM3,948.00,0), lill-attur Vincent Ellul, bl-ispejjez u bl-imghax legali skond il-ligi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------